# Il-knisja ta' San Publju, Floriana, f'għeluq il-175 sena Parroċċa

■ Publio Agius

Il-problema ta' nuqqas ta' djar għall-popolazzjoni fil-Belt Valletta wasslet lill-Gran Kunsill tal-Ordni ta' San Ġwann biex iħejji pjan għall-belt ġdida barra minn dik kapitali biex tittaffa l-problema ta' nuqqas ta'akkomodazzjoni. Dan wassal biex il-Gran Mastru Fra Antonio Manoel de Vilhena bena l-ewwel 20 blokk residenzjali fil-wesgħa ta' art li qabel kienet tħalliet mingħajr bini għal skopijiet strateġiċi u semmiha għalih 'Borgo Vilhena'.

Il-popolazzjoni bdiet tikber u kienet tinħass sew il-ħtieġa li l-Furjaniżi jkollhom post milħuq tajjeb fejn jaqdu l-esiġenzi reliġjużi tagħhom. Sa dak iż-żmien, il-knisja f'Tal-Pietá kienet isservi bħala l-aktar post milħuq fejn il-Furjaniżi setgħu jiffrekwentaw, għall-ħteġijiet spiritwali tagħhom. Iżda, l-Furjaniżi ma kenux kuntenti li kellhom jinqdew fi knisja daqstant 'l bogħod.

Għaldaqstant, imħeġġeġ mill-Furjaniżi u oħrajn f'Tal-Pieta, fis-7 ta' Jannar 1724, l-Isqof Gaspare Gori Mancini kien mitlub, biex il-knisja tal-Madonna tad-Duluri f'Tal-Pietá tinqata' minn dik ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta, u li din kellha tħaddan fiha l-Floriana wkoll; iżda t-talba ġiet miċħuda. Fl-24 ta' Settembru 1724, il-Gran Mastru De Vilhena bagħat petizzjoni lill-Papa Innoċenz XIII fejn talbu biex tiġi kkunsidrata t-talba għall-parroċċa fil-Floriana. Dan sar bil-għan li l-knisja ta' Sarria, li kienet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ordni, tkun il-parroċċa 'l ġdida. Iżda l-Isqof Gaspare Gori Mancini oġġezzjona għax ma riedx li jkollu parroċċa li ma kenitx taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

Sa dan it-tant l-isqof Mancini ta l-kunsens tiegħu biex tinbena knisja ġdida fil-Floriana u l-ewwel ġebla tqiegħdet fit-2 ta' Awwissu 1733. Tbierket mill-Isqof ta' Malta Alpheran de Bussan, fil-preżenza tal-Gran Mastru. Il-knisja l-ġdida ta' San Publju ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Vincenzo Labini fit-28 ta' Marzu 1792, u minn dik id-data 'l quddiem il-petizzjonijiet lill-awtoritajiet ekleżjastiċi biex il-Floriana jkollha l-parroċċa tagħha, ma waqfux. Kien ukoll inqala' l-inkwiet meta f'xi okkażjonijiet kien ikun hemm il-preżenza tal-Kapitlu ta' San Pawl waqt xi ċerimonji reliġjużi fil-Floriana. f'xi wħud minnhom kellha tintervjeni l-ġustizzja biex iżżomm il-buon ordni.



*Pjanta tal-perit Giorgio Groniet li saret fis-26 ta' Ottubru 1839, li turi l-konfini tal-parroċċi ta' San Duminku, San Pawl Nawfragu u tal-parroċċa l-ġdida ta' San Publju.*


Così è Giuseppe Metropoli Not. Pub.

*Num. 3.*

*Testimonium publicæ letitiæ quæ apparuit statim ac nuncium acceptum fuit Resolutionis Sacræ Congregationis.*

Noi sottoscritti sollennemente dichiariamo, che SUBITO arrivata qui la FAUSTA NOTIZIA, che il dì 4 Febraro del corrente Anno la Sacra Congregazione del Concilio abbia deciso la Dismembrazione della Parrocchiale Chiesa di San Paolo Naufrago della Valletta, e la nuova erezione di Parrocchia della Chiesa di San Pubblio della Floriana LA POPOLAZIONE INTIERA della stessa FLORIANA si è messa IN GRANDISSIMO GIUBILO, e perciò per FESTEGGIARE tale da loro desideratissima Grazia si diè a preparare immantinente dei suoni di MUSICA ossiano BANDE, una GENERALE ILLUMINAZIONE, E TUTT' ALTRO che potea contribuire a manifestare LA PUBBLICA ALLEGREZZA; quindi era una cosa la più TENERA vedere nelle pubbliche Strade, BALCONI e finestre una moltitudine di

*Estratt mir-rapport li kien ippreparat wara li l-parroċċa ta' San Publju fi Floriana inqatgħet minn dik ta' San Pawl fil-Belt Valletta.*

Kellhom jgħaddu bosta snin li matulhom il-Furjaniżi sabu reżistenza qalila u kontinwa kemm mill-awtoritajiet ċivili kif ukoll ekleżjastiċi, li ħassew li bis-separazzjoni ta' parroċċa għalihom, il-Furjaniżi ma kienx jaqblilhom. Sewwa sew fid-29 ta' Marzu 1788, il-Gran Mastru Emanuel de Rohan (1775-1797), irrakkomanda b'ħerqa li l-knisja tal-Floriana kellha tiġi elevata għall-parroċċa. F'komunikazzjoni dettaljata lis-Santa Sede, u ppubblikata fl-1839, Dr. Kan. Giovanni Romei, segretarju tal-Kapitlu ta' San Pawl Nawfragu, elenka r-raġunijiet għaliex it-talba għall-parroċċa separata ma kellhiex tintlaqa'. Iddikjara wkoll li l-ispirtu ta' ribeljoni kien saħansitra ġej ukoll mis-saċerdot Gaetano Buttiġieġ li, t-talba tiegħu fid-9 ta' Lulju 1770, mhux biss kienet irrifjutata imma saħansitra kien immultat 500 skud tad-deheb u mhedded bl-iskomunika jekk hu jew sħabu jerġgħu jagħmlu talba simili. Saħaq ukoll li l-Furjaniżi kienu moqdijin tajjeb bis-servizzi pastorali offruti mill-Kapitlu u ma kienx hemm ġustifikazzjoni għat-talba ta' parroċċa għaliha. Il-konklużjoni ta' Dr Romei kienet li s-separazzjoni ma kenitx neċessarja u li kieku l-petizzjoni kellha tintlaqa', kien ikun ifisser ingratitudni lejn il-Kapitlu tal-Belt. Id-diżgwit bejn il-Furjaniżi u l-Kapitlu baqa' għaddej għal numru ta' snin. Wieħed mill-fatturi mportanti li forsi kellu effett, u li kellu jiddetermina t-talba favorevoli tal-Furjaniżi kien propju meta faqqgħet l-epidemja tal-pesta fl-1813. L-abitanti tal-Floriana li kienu jiddependu għal kollox mill-kanonċi ta' San Pawl għall-amministrazzjoni tas-sagramenti, ma bdewx jingħataw assistenza regolari, anke minħabba l-fatt li l-bibien tal-Belt Valletta kellhom jinżammu magħluqin biex ma tkomplix tinxtered il-marda qalila. Ġew reġistrati numru sostanzjali ta' dikjarazzjonijiet bil-ġurament u quddiem nutar pubbliku li jixhdu dan kollu. Iżda d-determinazzjoni u l-insistenza tal-Furjaniżi kompliet bla waqfien , u propju fil-15 t'April 1842, l-Isqof Francesco Saverio Caruana bagħat talba formali lill-Kongregazzjoni Sagra f'Ruma fejn irrakkomanda favorevolment is-separazzjoni tal-parroċċa ta' San Publju fil-Floriana minn dik ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt, Valletta.

Madankollu l-verdett tal-Kongregazzjoni Sagra kellu jiġi deċiż fit-28 ta' Jannar 1843. F'dan il-jum kellu jsir talb u sawm (b'ħobż u ilma biss) biex il-Providenza Divina tintercedi għal deċiżjoni favorevoli. U kif kien mistenni din id-darba, il-Kongregazzjoni Sagra ddeċidiet favur it-talba għas-separazzjoni tal-parroċċa. Fl'4 ta' Frar 1843, l-aħbar ta' ferħ xterdet ma' Malta kollha u l-popolazzjoni laqgħet bil-ferħ din l-aħbar sabiħa. Minkejja dan, xorta kien hemm xi oġġezzjonijiet minħabba d-deċizjoni. Iżda kien jidher ċar li l-Floriana kien ħaqqha li ssir parroċċa kif jixhed kuntratt pubbliku quddiem in-Nutar



*Dehra tal-knisja l-antika ta' San Publju, qabel ma kienet imkabbra kif nafuha llum.*

Ignatio Molinas u ffirmat minn madwar 500 persuna (professjonisti, kummerċjanti, saċerdoti u oħrajn), li jsostni li fil-Floriana l-popolazzjoni kienet tlaħħaq mas-7,000 persuna u li l-istess belt kellha struttura ċivili b'saħħitha li timmerita parroċċa għaliha. Barra minn hekk kien hemm lokalitajiet ferm iżgħar mill-Floriana li kellhom parroċċa għalihom u li l-kwistjoni kollha kienet purament frott tar-ras iebsa.

Insibu wkoll li l-protesti mill-kapitlu ta' San Pawl issuktaw u saħansitra reġgħet ġiet ippreparata petizzjoni lill-Gvernatur Sir Henry Bouverie, iffirmata minn 'l fuq minn 1000 firma biex ma jippermettix li d-deċizjoni tiġi attwata. Ġara iżda li ħafna milli ffirmaw il-petizzjoni kienu persuni illitterati li ffirmaw b'salib. Id-dikjarazzjoni quddiem in-Nutar Pubbliku Ignatio Molinas fl-14 ta' Mejju 1843 tallega li ħafna minn dawk li ffirmaw il-petizzjoni kienu nfurmati ħażin; ħasbu li l-kwistjoni kienet għad-difiża tar-Reliġjon. Fil-fatt meta l-kwistjoni saret pubblika, ħafna minn dawk li ffirmaw talbu li isimhom jiġi rtirat mill-petizzjoni.

Intant, fil-31 ta' Lulju 1843, il-Papa Gregorju XVI approva d-digriet tas-separazzjoni li ntbagħat lill-Arċisqof Francesco Saverio Caruana għall-firma tiegħu. Dan id-digriet ġie ffirmat mill-istess Arcisqof fl-4 ta' Marzu u kien iċċirkolat fil-5 ta' Marzu 1844 u mwaħħal mal-bibien tal-parroċċi kollha ta' Malta b'seħħ mis-7 ta' Marzu 1844. L-ewwel kappillan li nħatar, kien Dun Ġużepp Ellul, li kien ukoll promutur favur it-talba u kien igawdi stima mill-Furjaniżi ta' dak iż-żmien li laqgħuh bil-ferħ u bit-tislima '*Faccia fronte al Cattedral(e),* ngħajjtu viva dejjem, għax Dun Pepp sar kappillan'.

Notamenti miġbura minn Publio Agius minn dawn id-dokumenti:

Sacra Congregazione Concilli 'Melevitana Dismembrationis, et Erectionis Paraeciae Pro Populo Civitatis Florianae', pubblikat f'Ruma 1843'.

Petizzjoni ppubblikata fl'1839, lis-Sagra Kongregazzjoni minn Dr. Kan. Giovanni Romei, segretarju tal-Kapitlu ta' San Pawl Nawfragu. Valletta.

Is-Subborg tal-Furjana w il-Parroċċa Tiegħu – Antonio Agius.

**Issieħeb mal-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta**

L-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta taħdem biex iġġib il-quddiem il-wirt, il-kult u d-devozzjoni lejn San Publju. Inti tista' tgħin billi tissieħeb bħala membru. Il-menswalità hija ta' €10 għal kull persuna 'l fuq minn sittax-il sena. Għal min għadu taħt is-sittax-il sena, il-menswalità hija ta' €2. Membri taħt is-sittax-il sena ma jkollhomx dritt għall-vot. Il-menswalità trid titħallas sa mhux aktar tard mix-xahar t'April ta' kull sena.

**Dawk interessati mitluba jimlew formola bid-dettalji tagħhom u jgħadduha lill-membri tal-kumitat.**